# Il-PJAN TAL-LEZZJONI 1.11

**Kap 1:Id-Dinja sabiħa!**

**Lezzjoni 1.11 – Meta nħobbu nkunu bil-għaqal tassew!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Permezz tal-case studies, jifhmu aħjar kif jistgħu jieħdu ħsieb l-ambjent – il-postijiet kif ukoll lin-nies.
2. Jagħrfu aktar is-sbuħija u l-importanza ta' ambjent nadif.
3. Jifhmu li l-indafa tiġi mill-ħbiberija, mill-qadi u mir-rispett.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Case Studies 1 & 2.*
- Logħba:

http://www.ecokids.ca/PUB/eco_info/topics/waste/clean_room/popup.cfm

- *Song I love nature:*

http://www.youtube.com/watch?v=XHsBrCONuvk

- *Karta ta' taħriġ* 1.7: Meta nħobbu nkunu bil-għaqal tassew

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal:
    - Meta xi ħadd jagħtikom rigal, kif tħossukom?
    - X' tagħmlu? Tibqgħu tieħdu ħsiebu? Għaliex?
    - Tistgħu ssemmuli xi rigali li tana Alla?
    - Biex inkomplu ngawdu dawn ir-rigali x'għandna nagħmlu?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Spjega lit-tfal li biex nieħdu ħsieb l-ambjent, hemm bżonn inġibu ruħna tajjeb u niftakru f' punti importanti.
- Aqra *Case Study 1* (ta' Mark) u wara li taqrah, staqsi lit-tfal:
    - Mark qiegħed jibża' għall-ambjent?
    - Qiegħed iġib ruħu tajjeb?
    - X' qed jagħmel ħażin?
    - Kif jista' jġib ruħu aħjar?
- Agħżel lil xi ħadd mill-istudenti sabiex ikun Mark. Għid lit-tfal jgħidu lil Mark dwar x' għandu jagħmel sabiex jieħu ħsieb l-ambjent.
- Aqra *Case Study 2* (ta' Tanja) u wara li taqrah, staqsi lit-tfal:
    - Tanja u l-familja tagħha qegħdin jibżgħu għall-ambjent?

- X’ qed jagħmlu ħażin Tanja, missierha u ħuha? X’ għandhom jagħmlu biex jevitaw aktar ħsara?
- Agħżel lil xi ħadd mill-istudenti sabiex tkun Tanja. Għid lit-tfal jgħidu lil Tanja dwar x’ għandha tagħmel hi sabiex tieħu ħsieb l-ambjent. Għidulha wkoll x’qed jagħmlu ħażin missierha u ħuha u x’ għandhom jagħmlu biex iħarsu l-ambjent huma wkoll.
- Semmi punti oħra dwar x’nistgħu nagħmlu sabiex inħarsu aktar l-ambjent. Nirreċiklaw, innaqqsu l-użu tal-karti sabiex nibżgħu għas-siġar, meta jkollna xi okkażjoni sabiħa nistgħu niżirgħu siġra, nużaw il-fdalijiet tal-frott u l-ħaxix bħala *compost*.
- Stieden lill-istudenti biex jilagħbu logħba u jaraw kif jistgħu jieħdu ħsieb l-ambjent mid-dar tagħhom stess:
- Uża l-link http://www.ecokids.ca/PUB/eco_info/topics/waste/clean_room/popup.cfm
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.7. Aħdem mat-tfal Attività A. Wara li tispjega x’hemm bżonn li jsir, bħala klassi jimlew is-sentenzi bil-kelma t-tajba.
- Aqra Attività 2 u wara li tispjega l-istorja, għin lit-tfal jaslu għar-risposta t-tajba.
- Iddiskuti Attività ta’ Sam u Tara u asal għall-punt ta’ kemm hu għaqal li nħobbu, f’dan il-kas lin-nanniet li tant iħobbuna u jridulna l-ġid.
- Agħlaq il-lezzjoni billi flimkien tkantaw: Aħna lkoll inħobbu l-ambjent. Mela ejjew inkantaw:

http://www.youtube.com/watch?v=XHsBrCONuvk

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. L-ambjent huwa rigal mingħand Alla.

2. Għandna nieħdu ħsiebu u naraw li ma nħallux periklu għal nies oħra.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



It-tfal jifhmu li għandhom jirrispettaw lil kulħadd dejjem mhux meta għandhom aptit biss.

Jibżgħu għall-ambjent għax dan hu rigal mingħand Alla.

Jitgħallmu aktar li m'għandhomx u ma jagħmlux ħsara.

Jagħmlu li jistgħu biex jibżgħu wkoll għal ħaddieħor billi ma jħallux periklu

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Inkantaw flimkien *I love Nature*:

http://www.youtube.com/watch?v=XHsBrCONuvk



**Nitolbu**

Mulej, grazzi ta' dak kollu li tajtna. Int ħlaqtna sabiex ingawdu l-ambjent ta' madwarna. Grazzi Mulej ta' mħabbtek.

